# MINUTI

**GVERN LOKALI TA' XBIEX**

**IS-SEBA' LEĠISLATURA  2013 – 2017**

**SEDUTA NRU 10**

**IT-TNEJN   23 TA' DIĊEMBRU  2013 FIL-3.00 TA' WARA NOFS-IN-NHAR**

# PREŻENTI

| | |
|---|---|
| MAX ZAMMIT | SINDKU |
| RONALD PORTELLI | VIĊI SINDKU |
| FRANK ROE | KUNSILLIER |
| EUGENIO MUSCAT | KUNSILLIER |
| ANTHONY CACHIA CASTELLETTI | KUNSILLIER |

## 1 KOMMUNIKAZJONI MIS-SINDKU

Is-Sindku Max zammit beda billi rringrazzja lil kulħadd u xtaqilhom il-festi t-tajba.

Hu staqsa lil Agent Segretarju Ezekuttiv Paul Pace fuq l-*Expression of Interest* għas-servizzi ta' *Perit* u *Engineer*. L-Aġent Segretarju Eżekuttiv Paul Pace urieh d-dokument li se tintħareġ u spjega kif peress li kuħadd ikollu xogħolijet differenti ikun hemm bżonn ta' Perit għal kwalinkwe xoghol li jrid isir. Is-Sindku Max Żammit qallu biex ngħamlu l-istess ħaga għal-Avukat u noħorġu *Expression of Interest.*

Il-Kunsill qabel unanimament ma dan

## 2 MARINE PONTOONS

Is-Sindku Max Żammit tkellem rigward il-*pontoons* li se jsiru ix-Xatt minn fejn il-Waterpolo Club sal-Royal Malta Yacht Club. Il-permit PA 4065/10 "To lay floating pontoons, lightweight landing platform and to resurface existing slipway" Is-Sindku qal li jridu jinegozjaw. Is-Sindku Max Żammit qal li kien kontriha kompletament. Il-Kunsillier Eugenio Muscat qabel li għandhom isiru izda s-slipway għandha tibqa miftuħa għal-aċċess tal-pubbliku. Is-Sindku Max Żammit qal li se jingħataw xi fondi mir-Royal Malta Yacht Club u li għandhom jgħamlu laqgħa magħhom . Il-Kunsillier Anthony Cachia Castelletti qal li aħjar peress li fl-interess tar-residenti.

Il-Kunsill qabel unanimament li ssir laqgħa u jaraw f'jevolvi minnha.

## 3 PROĊĊESS TA' IMPJIEG TA' PART-TIME CLERK

Is-Sindku Max Żammit qal li ngħalqet l-ġurnata ta' l-applikazzjoni għal-part-time *clerk* u issa għandha tiġi deċiża l-gurnata ta' meta se jsiru l-*interviews.*

Il-Kunsill qabel unanimament ma dan

## 4 TENDERS U KWOTTAZZJONIJIET

Il-Kunsill tkellem rigward it-tenders u kwottazzjonijiet u ġie deċiż li l-aġġudikazzjoni tat-tenders se jsir fis-6 ta' Jannar maħtur mill-bord is-Sindku Max żammit, il-Viċl Sindku Ronnie Portelli,

Il-Laqgħa tal-Kunsill spiċċat fis-1.00pm u l-laqgħa tal-Kunsill li jmiss se jsir fis-27 ta' Jannar 2014

Max Żammit
Sindku

Paul J Pace DIP.B.A(Bus Mangt),M.B.A
Aġent Segretarju Eżekuttiv